MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Numru 129/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pio Pisani)**

**vs**

**EDWIN BUGEJA**

**Illum 3 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Edwin Bugeja ta' 44 sena bin Ernest u Josephine nee Farrugia mwieled Floriana fil-20/10/1959 u joqghod 'Tessa' Triq Dun Gwann Theuma, Attard, I.D. 685959(M) gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer u cioe gewwa l-Mosta, nhar it-13 ta' Dicembru, 2002, ghall-habta tas-17:00 hrs;

Ikkaguna offiza fuq il-persuna ta' Rita Bugeja I.D. 204268(M) li hija gravi, u dan billi ddum ghal tletin gurnata u izjed, inkella ghal daqshekk zmien izzomm lil Rita Bugeja milli tmur ghax-xoghol taghha, u dank if iccertifika t-tabib Alec Sultana M.D. FRSI mill-isptar San Luqa. Art 216 (1)(d) ta' kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, jew ghajjat jew b'xi mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Rita Bugeja jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabli ghar-reat, torbot lil Edwin Bugeja I.D. 685959(M) b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PP2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li l-imputat ammetta l-ewwel akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati ta' l-ewwel akkuza.

Inoltre nnutat li fis-seduta ta' llum Dr. Ray Zammit ghall-imputat eccepixxa l-preskrizzjoni trimestrali rigward it-tieni akkuza.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-parte civile u l-Ufficjal Prosekutur irremettew ruhhom ghad-Decizjoni tal-Qorti rigward din l-eccezzjoni.

Osservat li l-Qorti irriservat li tipprovdi dwar din l-eccezzjoni fis-Sentenza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mid-Difiza, mid-Difensur tal-parte civile u mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-artikolu 216(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Edwin Bugeja, fuq ammissjoni, hati ta' l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-Fedina Penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

In kwantu ghat-tieni akkuza, peress illi din l-akkuza tirrizulta preskritta bi preskrizzjoni trimestrali, tillibera lill-imputat Edwin Bugeja mill-istess akkuza.

Inoltre l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Edwin Bugeja b'oggliazzjoni personali ta' Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Rita Bugeja ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Edwin Bugeja l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------